

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tad-19 ta' Ġunju 2007 — Davis et vs Il-Kunsill

(Kawża F-54/06) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Pensjonijiet — Koeffiċjenti tal-korrezzjoni — Irtirar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal fil-verżjoni tagħhom applikabbli mill-1 ta' Mejju 2004 — Applikazzjoni tal-koeffiċjenti tal-korrezzjoni kkalkulati skond l-għoli tal-ħajja medju fil-pajjiż ta' residenza tal-pensjonanti — Skema tranżitorja — Tneħħija tal-koeffiċjenti tal-korrezzjoni għad-drittijiet għal pensjoni miksuba wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal fil-verżjoni tagħhom applikabbli mill-1 ta' Mejju 2004)

(2007/C 183/83)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Davis et (Bolton, Ir-Renju Unit) u tlieta oħra [rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u E. Marchal, avukati]

Konvenut: Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea [rappreżentanti: Arpio Santacruz u I. Sulce, aġenti]

Suġġett tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill li jstabilixxu d-drittijiet għal pensjoni tar-rikorrenti, inkwantu l-parti tad-drittijiet tagħhom għal pensjoni miksuba wara t-30 ta' April 2004 mhi-jjex suġġetta għal koeffiċjent tal-korrezzjoni u inkwantu l-koeffiċjent tal-korrezzjoni applikat għall-parti tad-drittijiet tagħhom għal pensjoni miksuba qabel it-30 ta' April 2004 huwa differenti minn dak li għalih hija suġġetta r-remunerazzjoni ta' l-uffiċjali li jaħdmu fir-Renju Unit jew fid-Danimarka.

Dispożittiv tas-sentenza

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 154 1.7.2006 p. 28.

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Mejju 2007 — Wolfgang A. Mandt vs Il-Parlament Ewropew

(Kawża F-45/07)

(2007/C 183/84)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Wolfgang A. Mandt (Kreuztal, il-Ġermanja) (rappreżentant: B. Kolb)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2007 li tnaqqas il-pensjoni ta' armel tar-rikorrent b'50 %,
- tikkundanna lill-konvenut iħallas retroattivament lir-rikorrent, mill-1 ta' April 2006, 50 % iżjed tal-pensjoni ta' armel tal-mejta martu Gisela Neumann u jkompli jħallas dan l-ammont kull xahar.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-Parlament Ewropew naqqas b'50 % l-pensjoni ta' armel li r-rikorrent jibbenefika minna bħala armel ta' Gisela Neumann, billi invoka n-nuqqas ta' rikonossiment tas-sentenza Belġjana ta' divorzju maqtugħha fl-1995 li tirrigwarda l-mejta martu firrigward ta' l-ewwel raġel tagħha, li saret *res judicata*.

Ir-rikors sar kontra n-nuqqas ta' rikonossiment ta' din is-sentenza u kontra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/22003 tas-27 ta' Novembru 2003. Ir-rikorrent isostni li huwa l-uniku "konjuġi sopravissut", għaliex iż-żwieġ tiegħu mal-mejta huwa legalment validu (Artikolu 18 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal).

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Mejju 2007 — Tiralongo vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-55/07)

(2007/C 183/85)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Giuseppe Tiralongo (Ladispoli, L-Italja) (rappreżentanti: F. Sciaudone, R. Sciaudone u S. Frazzani, avvocati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrent

- jiddikjara dan ir-rikors ammissibbli;
- jordna lill-Kummissjoni tipprovdi l-informazzjoni u tipprođu d-dokumenti relattivi għar-reklutaġġ u għat-tiġdid suċċessiv tal-kuntratt ma' l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (iktar 'il quddiem l-"OLAF") tas-Sinjura X, kif ukoll isejjaħ lil din ta' l-aħħar bħala xhud;